Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Purchasing and Supplies Section, Finance Department, University of Malta, Msida, (Room 316A, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon. Payment should be effected at the Cash Office, Administration Building, during the same times.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders on Wednesday, 10th November, 2004 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta, Msida.

19th October, 2004

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali (Saħħa) jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, id-9 ta' Novembru, 2004, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. MCH 179/2004. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' *air-conditioning units* fl-Isptar Monte Karmeli.

Il-formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet ta' din l-offerta jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts*, Sptar Monte Karmeli, Triq Notabile, H'Attard mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Id-19 ta' Ottubru, 2004

DEPARTMENT OF HEALTH

The Director General (Health) notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Tuesday, 9th November, 2004, for:-

Advt. No. MCH 179/2004. Supply, installation and commissioning of air-conditioning units at Mount Carmel Hospital.

Forms of tender and further information regarding the conditions of this tender may be obtained from the Accounts Section, Mount Carmel Hospital, Triq Notabile, Attard from 8.00 a.m. to noon.

19th October, 2004

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur, Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-4 ta' Novembru, 2004, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. E1731. Imqassijiet, *Port's Demartel, vessel tip semi-sharp points angled on flat at 60^0, shanks delicate,* qies totali ta' 185 mm.

Din il-kwotazzjoni qiegħda tiġi ppubblikata biex temenda dik li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Ottubru, 2004.

Din il-kwotazzjoni tista' tinkiseb minn fuq il-*website* http://www.health.gov.mt/gps/quot.htm.

Aktar informazzjoni dwar il-kwantitajiet u kondizzjonijiet ta' din il-kwotazzjoni jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Triq Clarence, Guardamangia, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Id-19 ta' Ottubru, 2004

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, notifies that:-

Sealed quotations will be received up to 9.00 a.m. of Thursday, 4th November, 2004, for:-

Quot. No. E1731. Scissors, Port's Demartel, vessel type semi-sharp points angled on flat at 60^0, shanks delicate, total length 185 mm.

This quotation is being published to emend the one published in the Governbmnent Gazette dated 15th October, 2004.

This quotation can be downloaded from the website http://www.health.gov.mt/gps/quot.htm.

Further information regarding the quantities and conditions of this quotation may be obtained from the Government Pharmaceutical Services, Triq Clarence, Guardamangia, between 8.00 a.m. and noon.

19th October, 2004

MALTA SHIPYARDS LTD.

Iċ-*Chairman*, Malta Shipyards Ltd., jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, l-1 ta' Novembru, 2004 jintlaqgħu offerti magħluqin immarkati bin-numru ta' l-offerta fil-Kaxxa ta' l-Offerti fl-Uffiċċju tas-Sigurtà tal-Malta Shipyards Ltd. (id-Daħla Prinċipali ta' Għajn Dwieli), Bormla jew bil-*fax* fuq wieħed minn dawn il-magni tal-*fax:* Nri tal-*Fax* 21821445 jew 21821447 għal:

Avviż Nru. GB/PC/81/04. Pjanċi, travi ta' l-azzar, eċċ.

Id-dokumenti ta' l-offerta u tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-*Procurement Manager,* Malta Shipyards Ltd., il-Baċir, Bormla, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn is-7.30 a.m. u l-11.00 a.m.

Id-19 ta' Ottubru, 2004

MALTA SHIPYARDS LTD.

The Chairman, Malta Shipyards Ltd., notifies that:-

Sealed tenders will be received in properly sealed envelopes marked with tender no. in the Tender Box at the Security Office of Malta Shipyards Ltd. (Għajn Dwieli Gate), Cospicua or by fax on any of the following dedicated fax machines: Fax Nos. 21821445 and 21821447 by not later than 10.00 a.m. on Monday, 1st November, 2004 for:

Advt. No. GB/PC/81/04. Steel plates, beams etc.

The tender document is to be collected from the Procurement Manager's Office, Malta Shipyards Ltd., The Docks, Cospicua, on any working day between 7.30 a.m. and 11.00 a.m.

19th October, 2004

KUNSILL LOKALI SANNAT

Il-Kunsill Lokali Sannat jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, is-27 ta' Ottubru 2004, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. 04/2004. Servizz ta' ġbir u separazzjoni fil-post ta' skart domestiku u kummerċjali.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill mit-Tnejn sal-Ġimgħa waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju fuq ħlas ta' Lm10 għal kull dokument.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku eżattament fil-ħin u d-data ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Id-19 ta' Ottubru, 2004

SANNAT LOCAL COUNCIL

The Sannat Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the Local Council's office up to noon of Wednesday, 27th October 2004, for:-

Advt. No. 04/2004. Service for the collection and separation at source of household and commercial waste.

Tender documents may be collected from the Council's office from Monday to Friday during office hours against a payment of Lm10 for each document.

Tenders will be opened in public on the closing time and date.

The Council reserves the right to refuse all tenders even the most advantageous.

19th October, 2004

KUNSILL LOKALI DINGLI

Il-Kunsill Lokali Dingli jgħarraf illi sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Novembru, 2004, jilqa' offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. DLC 3/04. Tindif u manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15.

Id-dokumenti relattivi jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 2, Misraħ Ġużè Abela, Ħad-Dingli (Tel: 21456060) bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m.

Tista' tiġi rifjutata kwalunkwe jew kull offerta.

Id-19 ta' Ottubru, 2004

DINGLI LOCAL COUNCIL

The Dingli Local Council notifies that sealed tenders will be received up to 11.00 a.m. of Friday, 5th November, 2004, for:–

Advt. No. DLC 3/04. Cleaning and maintenance of gardens and soft areas.

A fee of Lm15 is to be paid.

Relative documents can be obtained from the Local Council Office, 2, Misraħ Ġużè Abela, Dingli (Tel: 21456060) between 8.00 a.m. and 11.00 a.m.

Any or all offers can be refused.

19th October, 2004

KUNSILL LOKALI MĠARR

Il-Kunsill Lokali Mġarr jgħarraf illi jilqa' offerti magħluqin mill-banek kummerċjali interessati sabiex jistallaw ATM fi Triq Fisher, l-Imġarr. Il-kundizzjonijiet kollha flimkien ma' l-offerta għandhom jintefgħu sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Novembru, 2004 f'envelop magħluq fil-kaxxa ta' l-offerti tal-Kunsill Lokali Mġarr, 49, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr.

Id-19 ta' Ottubru, 2004

MĠARR LOCAL COUNCIL

The Mġarr Local Council noties thaat sealed tenders will be received from commercial banks for the installation of an ATM in Triq Fisher, Mġarr. The conditions and tender are to be submitted in a sealed envelope in the tender box of the Mġarr Local Council, 49, Triq Sir Harry Luke, Mġarr, until noon of Friday, 5th November, 2004.

19th October, 2004

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1412

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Ottubru 2004, Ċitazzjoni numru 1734/1999, Università ta' Malta vs Carmen sive Bella Hili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellata Carmen sive Bella Hili, u dan a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors, ippreżentat fit-23 ta' Ottubru 2003, fil-Qorti ta' l-Appell, Ċit. Numru 1734/1999, Università ta' Malta vs Carmen sive Bella Hili, mill-Università ta' Malta, ir-rikorrenti esponew bir-rispett;

Illi permezz ta' ċitazzjoni ppreżentata mill-appellanti quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili l-appellanti ippremettiet is-segwenti:

'Premess illi l-konvenuta kienet impjegata fl-Università ta' Malta;

U premess illi l-impieg ta' l-istess konvenuta kien ġie itterminat mill-attur b'effett mis-7 ta' Jannar 1997;

.....Omissis.....

U premess illi l-każ tal-konvenuta ġie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Ministru għall-Ħarsien Soċjali b'ittra datata 27 ta' Lulju 1998 b'riferenza MHS/T1/62/98, u ingħatat deċiżjoni fil-15 ta' Ġunju, 1999 mill-istess Tribunal, kopja ta' liema deċiżjoni hi annessa ma' l-att taċ-ċitazzjoni u mmarkata Dokument B;

U premess l-istess Tribunal b'din id-deċiżjoni, wara li eżamina l-fatti tal-każ iddeċieda fis-sens li:

'l-Università kellha raġun tittermina l-impieg bħala pass ta' dixxiplina, però in vista tad-dewmien esaġerat biex tieħu din id-deċiżjoni, dan it-temm ta' impieg għandu jseħħ mill-5 ta' Ġunju, 1998 u għalhekk l-appellanti għandha titħallas il-paga sħiħa sa dik id-data.

.....Omissis.....

Premess illi għalhekk id-deċiżjoni fuq imsemmija hija waħda ultra vires u barra mill-ġurisdizzjoni tat-Tribunal in kwantu la darba ddeċieda li l-istess terminazzjoni ta' l-impieg kien wieħed ġust, ma kellu l-ebda setgħa fil-liġi li jagħti ebda provvediment ieħor u in partikolari ma kellux u m'għandux setgħa fil-liġi li jiddetermina d-data minn mindu t-terminazzjoni ta' l-impieg għandu jseħħ jew jiġi kkunsidrat effettiv, kif ukoll ma kellux setgħa jiddeċiedi li l-konvenuta kellha titħallas il-paga għal dak il-perjodu billi tali deċiżjonijiet

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 7th October 2004, Writ of Summons number 1734/1999, University of Malta vs Carmen sive Bella Hili, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Carmen sive Bella Hili, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application, filed on the 23rd October 2003, in the Court of Appeal, Writ of Summons Number 1734/1999, University of Malta vs Carmen sive Bella Hili, by the University of Malta, the applicants pleaded with respect;

That in virtue of a writ of summons filed by the appellants before the Honourable First Hall Civil Court the appellants premised the following:

'Premised that the defendant was employed at the University of Malta;

And premised that the employment of the same defendant had been terminated by the plaintiff with effect from the 7th January 1997;

.....Omissis.....

And premised that the defendant's case had been referred to the Industrial Tribunal by the Ministry of Social Policy by letter dated 27th July 1998 with reference MHS/TI/62/98, and a decision was given on the 15th June, 1999 by the same Tribunal, a copy of which decision is annexed with the writ of summons and marked Document B;

And premised that the same Tribunal in virtue of this decision, after examining the facts of the case decided in the sense that:

'the University was right in terminating the employment as a disciplinary proceeding however in view of the exaggerated delay to take this decision, this termination of employment, is to take effect from the 5th June, 1998 and thus the respondent is to be paid all the salary till that date.

.....Omissis.....

Premised that thus the decision above mentioned is ultra vires and does not fall within the jurisdiction of the Tribunal in so far as once it has decided that the termination of employment was just, it had no right at law to make any other provision and in particular did not have and does not have the right at law to determine the date from when the termination of employment is to take place or to be considered effective, as well as it did not have the right to decide that the defendant had to be paid the salary for that period as such

jeżorbitaw il-ġurisdizzjoni tiegħu u huma fil-kompetenza tat-Tribunal Ordinarju;

Illi għalhekk l-appellanti talbet lill-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara u tiddeċiedi li d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali mogħtija fil-15 ta' Ġunju, 1999 (Deċiżjoni Nru. 1044) fuq premessa, in vista tal-premess, kienet ultra vires u barra l-poteri mogħtija lill-istess Tribunal u għalhekk nulla fil-liġi in kwantu ddeċidiet li t-temm l-impieg tal-konvenuta kellu jseħħ mill-5 ta' Ġunju 1998 u li din kellha tithallas il-paga shiħa sa dik id-data; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Illi l-konvenuta eċċepiet:

1. Illi preliminarjament iċ-ċitazzjoni hi nulla ai termini tal-proviso ta' l-Artikolu 34 tal-Kapitolu 266;

2. Illi inoltre u bla preġudizzju għal premess it-talba ta' l-attur għandha tiġi respinta u dan għar-raġunijiet segwenti;

.....Omissis.....

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Illi permezz ta' sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet premessi mill-Onorabbli Prim' Awla l-Qorti iddeċiediet billi 'Taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiddikjara illi bis-sentenza tiegħu tal-15 ta' Ġunju 1999 fil-każ tal-kwistjoni tax-xogħol bejn Carmen sive Bella Hili u l-Università ta' Malta (Deċiżjoni Numru 1044) it-Tribunal Industrijali ma aġixxiex ultra vires il-poteri assenjati lilu mil-liġi speċjali (Kapitolu 266). Konsegwentement għalhekk tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-Università attriċi'.

Illi l-esponent ħass ruħu aggravate b'din id-deċiżjoni u għalhekk bil-preżenti qiegħed jinterponi dan l-umli appell;

Illi l-aggravju ta' l-appellant huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

L-appellata a bażi ta' raġunijiet misjuba ġustifikati mit-Tribunal Industrijali ġiet imwaqqfa mix-xogħol tagħha ma' l-Università ta' Malta. Sussegwentement għal dan hija talbet lill-Ministru konċernat sabiex il-każ tat-tkeċċija tagħha mill-Università jiġi eżaminat u kkunsidrat mit-Tribunal Industrijali. It-Talba ta' l-appellata quddiem dak it-Tribunal kienet tali li biha t-Tribunal intalab jissindika jekk it-tkeċċija tagħha kienitx ibbażata fuq raġunijiet validi. Hekk kif jidher mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fil-15 ta' Ġunju 1999 l-istess Tribunal sab li l-Università kellu raġunijiet validi u suffiċjenti li ġustament iwasslu għat-tkeċċija u t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellata.

.....Omissis.....

decisions exceed its jurisdiction and fall within the competence of the Ordinary Courts;

That thus the appellants asked the Honourable Court to declare and decide that the decision of the Industrial Tribunal of the 15th June, 1999 (Award Num. 1044) above premised, in view of the premised, was ultra vires and outside the powers of the same Tribunal and thus null at law in so far as it decided that the termination of employment of the defendant had to be effective from the 5th June 1998 and that she was to be paid the full salary till that date; with costs against the defendant;

That the defendant pleaded:

1. That in he first place the writ of summons is null in terms of the proviso of Article 34 of Chapter 266;

2. That furthermore and without prejudice to the above the demand of the plaintiff is to be rejected and this for the following reasons;

.....Omissis.....

3. Saving other pleas.

That in virtue of a judgment given on the 3rd October 2003 in the names premised by the Honourable First Hall Civil Court decided that 'By deciding the cause by declaring that by its judgment of the 15th June 1999 in the case of the industrial dispute between Carmen sive Bella Hili and the University of Malta (Award Number 1044) the Industrial Tribunal did not act ultra vires the powers assigned to it by the special law (Chapter 266). Consequently thus rejects the plaintiff's demands with the costs of the cause to be paid by the plaintiff University'.

That the applicant felt aggrieved by this decision and is thus humbly filing an appeal there from;

That the grievance of the appellant is clear and manifest and consists of the following:

The respondent on the basis of the reasons found justified by the Industrial Tribunal was stopped from her work with the University of Malta. Subsequently to this she asked the Minister concerned so that her dismissal from the University of Malta be examined and considered by the Industrial Tribunal. The demand of the respondent before that Tribunal was in the sense that the Tribunal was asked to review whether her dismissal was based on valid reasons. As appears from the decision given by the Tribunal on the 15th June 1999 the same Tribunal found that the University had sufficient and valid reasons which led to the just dismissal and termination of employment, of, the respondent.

.....Omissis.....

Dak li t-Tribunal Industrijali huwa msejjaħ biex jagħmel huwa li jissindika r-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata t-tkeċċija. It-Tribunal Industrijali huwa msejjaħ sabiex jiddetermina kwistjonijiet relatati ma' tkeċċija inġusta u għalhekk fil-każ ta' tkeċċija nġusta l-istess Tribunal jista' anke jgħaddi sabiex jikkwantifika d-danni sofferti mill-impjegat.

.....Omissis.....

Għalhekk huwa fil-każ li t-Tribunal Industrijali wara li jikkunsidra r-raġunijiet u l-bażi għat-tkeċċija u wara li jsib li tali tkeċċija m'hijiex imsejsa fuq ġustifikjazzjonijiet ġusti u raġonevoli li jista' jgħaddi sabiex jagħti rimedju lill-impjegat li jkun sefa' mkeċċi b'mod inġust.

.....Omissis.....

Però it-Tribunal Industrijali mhuwiex imsejjaħ li jiddetermina u jillikwida danni la darba jsib li t-tkeċċija hija waħda ġusta u valida. Hekk kif it-tkeċċija tinsab li hija waħda ġusta tieqaf il-kompetenza tat-Tribunal li jingħata rimedju lill-impjegat. Għalhekk f'artikolu 28 tal-Kapitolu 266 il-ligi tgħid:.....' it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi l-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta għal kull għan barra minn proċ eduri dwar reati kontra xi liġi, u...' B'hekk it-Tribunal Industrijali m'huwiex imsejjaħ li jissindika l-mod tat-tkeċċ ija per se iżda dik ir-raġuni għal liema t-tkeċċija seħħet.

L-esponent jagħmel riferenza għas-sentenza indikata mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Avukat Dottor Carmel Chircop v Awtorità Marittima ta' Malta deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001 u jissottometti bir-rispett illi l-fatti ta' tali m'humiex identiċi jew relatati mal-każ in kwistjoni.

.....Omissis.....

Kienet għalhekk ġusta dik il-Qorti li kkonkludiet li kien it-Tribunal Industrijali li kien kompetenti li jissindika d-deċ iżjoni tat-terminazzjoni ta' l-impieg u li jara jekk tali deċiżjoni ta' tkeċċija kinitx waħda ġusta jew le.

Però l-każ in kwistjoni huwa distint minn dan il-punt billi l-appellanti m'hiex tiddiskuti fuq jekk it-Tribunal Industrijali kellux jew le l-kompetenza li jissindika t-tkeċċija in kwistjoni. Minħajr ebda dubju dak it-Tribunal kellu l-kompetenza li jissindika jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg kienitx ġusta jew le, però dak it-Tribunal ma kellux il-kompetenza li jillikwida danni favur l-impjegat fil-każ meta l-istess Tribunal sab li t-tkeċċija hija waħda ġusta.

The Industrial Tribunal is called to review the reasons on which the dismissal was based. The Industrial Tribunal is called to determine questions related with unfair dismissal and thus in case of unfair dismissal the same Tribunal can also pass to assess the damages suffered by the employee.

.....Omissis.....

Thus in case that the Industrial Tribunal after considering the reasons and the basis of dismissal and after finding that the said dismissal is not based on just and reasonable grounds that it can pass on to give a remedy to the employee who has been unjustly dismissed.

.....Omissis.....

However the Tribunal is not called to determine and liquidate damages once the dismissal is just and valid. As the dismissal is found to be just the Tribunal's competence to give a remedy stops. Thus in article 28 of Chapter 266 the law states.....' the Industrial Tribunal shall have exclusive jurisdiction to consider and decide all the cases whereby it is alleged that an unfair dismissal has taken place for any purpose except procedures regarding crimes against any law, and....' Thus the Industrial Tribunal is not called to review the mode of dismissal in itself but the reason for which the dismissal took place.

The applicant makes reference to the judgment indicated by the Honourable First Hall Civil Court in the names Advocate Dr Carmel Chircop vs Malta Maritime Authority decided by the Honourable Court of Appeal on the 5th October 2001 and respectfully submits that those facts are not identical or related to the case in question.

.....Omissis.....

Thus that Court justly concluded that the Industrial Tribunal which was competent to review the decision of termination of employment and to see if the said decision ordering dismissal was just or not.

However the case in question is different from this as the appellant are not discussing whether the Industrial Tribunal had the competence or not to review the dismissal in question. Without any doubt that Tribunal had the competence to review whether the termination of employment was just or not, however that Tribunal did not have the competence to liquidate the damages in favour of the employee in case when the same Tribunal has found the dismissal to be justified.

Għaldaqstant l-appellant filwaqt li jagħmel riferenza għall-atti tal-każ u jirriserva li jressaq dawk il-provi u jagħmel dawk is-sottomissjonijiet li huma permessi mill-liġi, jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġoba tilqa' l-appell tiegħu billi thassar u tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet premessi, sussegwentement tilqa' t-talba tiegħu kif dedotta fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

Thus the appellant whilst making reference to the records of the case and reserves to bring forward that proof and make those submissions which are permitted by law, prays with respect that this Honourable Court, upholds their appeal by canceling and revoking the decision given by the Civil Court First Hall on the 3rd October 2003 in the names premised, subsequently upholds their demand as brought forward in the writ of summons, with costs of both instances against the respondent.

Notifika lil: Carmen sive Bella Hili
Dolphin Buildings, Flat 2,
Marina Street,
Pietà.

Notify: Carmen sive Bella Hili
Dolphin Buildings, Flat 2,
Marina Street,
Pietà.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli Superjuri) illum 13 ta' Ottubru 2004.

Registry of the Superior Courts (Superior Appeals) today 13th October 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1413

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Novembru 2003, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 25th November 2003, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mario Tabone eżerċjenti l-kummerċ taħt l-isem Eiffel Marketing Co (564854M) ta' 14A, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta, ippreżenta Talba fis-17 ta' Settembru 2003, fejn talab lit-Tribunal sabiex tikkundanna lil Marga Company Ltd (C9136) ta' Villa Santa Marija, Old Railway Road, Ħal Balzan thallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira Maltija u sittin ċenteżmu (Lm262.60) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Mario Tabone caring on trade under the name of Eiffel Marketing Co (564854M) of 14A, Vincenti Buildings Strait Street, Valletta, filed a Claim on the 17th September 2003, whereby he asked the Tribunal to condemn Marga Company Ltd (C9136) of Villa Marija, Old Railway Road, Balzan, to pay the plaintiff the sum of two hundred and sixty two Maltese liri and sixty cents (Lm262.60) which amount is due to the plaintiff.

Bl-ispejjes u bl-imgħaxijiet.

With costs and interests.

Il-kawża (Talba Numru 1821/03JR hija differita għad-29 ta' Ottubru 2004 fin-12.30 p.m.

The cause (Claim Number 1821/03JR) is put off on the 29th October 2004 at 12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Magistrati (Malta) illum 13 ta' Ottubru 2004.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 13th October 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputy Registrar
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1414

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' Ottubru 2003, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maruti Motors Limited ta' Gasan Centre, Mrieħel By Pass, Imrieħel, ippreżentaw Talba fl-20 ta' Ġunju 2003, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Hubert Spiteri ta' Lavender, Triq San Ġorġ, in-Naxxar, iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u għaxar liri Maltin u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm810.88) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 1233/03 JR) hija differita għat-28 ta' Ottubru 2004 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 13 ta' Ottubru 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 7th October 2003, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maruti Motors Limited of Gasan Centre, Mrieħel By Pass, Mrieħel, filed a claim on the 20th June 2003 whereby they asked the Tribunal to condemn Hubert Spiteri of Lavender, Triq San Ġorġ, Naxxar, to pay the plaintiff company the sum of eight hundred and ten Maltese liri and eighty eight cents (Lm810.88) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The cause (Claim Number 1233/03JR) is put off to the 28th October 2004 at 12.30 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 13th October 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputy Registrar
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1415

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-21 ta' Lulju 2004, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom p.l.c. C22334 ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba, fis-27 ta' Mejju 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Anthony Scicluna ta' 'Scicluna', Triq il-Gudja, Ħal Għaxaq iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u wieħed u sebgħin lira Maltija u wieħed u erbgħin ċenteżmu (Lm271.41) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Talba Numru 1128/04AJD) hija differita għall-15 ta' Novembru 2004 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 13 ta' Ottubru 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of 21st July 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom p.l.c. C22334, of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 27th May 2004, whereby they asked the Tribunal to condemn Anthony Scicluna of 'Scicluna', Triq il-Gudja, Għaxaq, to pay the plaintiff company the sum of two hundred and seventy one Maltese liri and forty one cents (Lm271.41) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The cause (Claim Number 1128/04AJD) is put off on the 15th November 2004 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 13th October 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputy Registrar
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1416

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Marzu 2004, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Gutenberg Press Ltd (C8936) ta' Gudja Road, Ħal Tarxien ippreżentaw Talba fit-28 ta' Novembru 2003 fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Star Marketing Limited (C 29133) ta' 17/2, Triq Sir A Bartolo, Ta' Xbiex li b'digriet tat-30 ta' Marzu 2004 it-Tribunal ordna l-korrezzjoni li l-kelma 'Star' tinbidel għall-kelma 'Start' tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erba' mija u disgħa u sittin lira Maltija (Lm469) liema ammont huma dovut lis-soċjetà attriċi rappreżentanti prezz ta' xogħol ta' stampar reż lis-soċjetà konvenuta fuq struzzjonijiet tagħha.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 2385/03JR) hija differita għad-29 ta' Ottubru 2004 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 11 ta' Ottubru 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal, of the 25th March 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Gutenberg Press Ltd (C 8936), Gudja Road, Tarxien filed a Claim on the 28th November 2003, whereby they asked the Tribunal to condemn Star Marketing Limited (C29133) of 17/2, Triq Sir A Bartolo, Ta' Xbiex and by a decree of the 30th March 2004 the Tribunal ordered that the word 'Star' would be changed to 'Start' to pay the plaintiff company the sum of four hundred and sixty nine Maltese liri (Lm469) which amount is due to the plaintiff company representing the cost of printing works supplied to the defendant company following its request.

With costs and interests.

The cause (Claim Number 2385/03JR) is put off for the 29th October 2004 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 11th October 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputy Registrar
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1417

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Mejju 2004, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

PL Emanuel A Bianco ta' Tudor Rose, Triq iż-Żraġen, Ħ'Attard BZN13, ippreżenta Talba fit-30 ta' Marzu 2004, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Patrick John Quigley (ID 153148A) ta' 18B, Binja Santa Luċija, l-Imtarfa, iħallas lill-attur is-somma ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax kummerċjali.

Il-kawża (Talba Numru 706/04JR) hija differita għad-29 ta' Ottubru 2004 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 13 ta' Ottubru 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 25th May 2004, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

PL Emanuel A Bianco of 'Tudor Rose', Triq iż-Żraġen, Attard BZN13 filed a Claim on the 30th March 2004 whereby he asked the Tribunal to condemn Patrick John Quigley (ID 153148A) of 18B, Binja Santa Luċija, Mtarfa, to pay the plaintiff the sum of eight hundred Maltese liri (Lm800) which amount is due to the plaintiff.

With costs and commercial interests.

The cause (Claim Number 706/04JR) is put off to the 29th October 2004 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 13th October 2004.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Deputy Registrar
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1418

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ġunju, 2004 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta 9 ta' Novembru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-12 ta' Mejju, 2004 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

L-utile dominju temporanju għaż-żmien li fadal minn 50 sena li bdew jiddekorru fit-2 ta' Frar, 1977, prorogabbli għal żewġ perjodi oħra ta' ħamsin sena kull darba; tad-dar bil-garaxx anness magħha bla numru iżda magħrufa bħala "L-Armandier", fi Triq Patri Ġużé Delia, Ħal Balzan; kif soġġetta għaċ-ċens annwu u temporanju ta' Lm86.00ċ0 rivedibbli skond l-Att ta' l-akkwist pubblikat fl-Atti tan-Nutar George Cassar tas-6 ta' Mejju, 2004; stmat li jiswa Lm180,000.00ċ0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Maria Isabella Spiteri u Raymond Spiteri.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A.I.C. Mario Cassar fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid- 9 ta' Ġunju, 2004

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, il-5 ta' Ottubru, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 11th June, 2004 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c.; Tuesday, 9th November 2004, from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 12th May, 2004 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

The temporary utile dominium for the remaining period from 50 years commencing on the 2nd February 1977, that can be extended for two other periods of 50 years each; of unnumbered house with garage known as "L-Armandier", in Triq Patri Ġużé Delia, Balzan, being subject to the annual and temporary ground-rent of Lm86.00c0 revisable as indicated in the deed published by Notary George Cassar on 6th May, 2004; valued at Lm180,000.00c0.

The said property belongs to Maria Isabella Spiteri and Raymond Spiteri.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Mario Cassar, A&CE on the 9th June, 2004.

Registry of the Superior Courts, this 5th day of October, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1419

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Ottubru 2004, fil-kawża Ċitazzjoni numru 720/2004 TM, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177) vs Christopher Cachia & Associates Limited et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika, fil-konfront tal-konvenuti, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) ippreżentaw Ċitazzjoni fit-28 ta' Settembru 2004, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Christopher Cachia & Associates Limited, D Limited u Christopher Cachia u martu Doreen Cachia – Numru ta' Kumpannija C-14950, C-17785 u Karti ta' l-ID Numri 156369(M) u 32470(M) rispettivament;

Jgħidu l-konvenuti għaliex għar-raġunijiet premessi dina l-Qorti m'għandhiex:

1. tiddeċiedi skond it-talbiet sussegwenti tal-bank attur bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża kif dispost fl-artikoli 167-170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); u

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 11th October 2004, in the cause Writ of Summons number 720/2004 TM, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Christopher Cachia & Associates Limited et, ordered the following publication for the purpose of service of the defendants, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) filed a Writ of Summons, on the 28th September 2004, in the First Hall Civil Court, against Christopher Cachia & Associates Limited, D Limited and Christopher Cachia and his wife Doreen Cachia – Company Number C-14950, C-17785 and ID Card Numbers 156369(M) and 32470(M) respectively;

Defendants are to state why for the reasons premised this Court should not:

1. decide according to the subsequent demands of the plaintiff bank without proceeding to a hearing as provided in articles 167-170 of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12); and

2. tikkundanna lill-kumpannija konvenuta Christopher Cachia & Associates Limited (liema kumpannija kien jisimha Jirieh Ltd), bħala debitriċi prinċipali, biex thallas lill-bank attur is-somma globali ta' tlieta u erbgħin elf, ħames mija u wieħed u ħamsin lira u sebgħa u tmenin ċenteżmu (Lm43,551.87) liema somma tinkludi l-imgħax fuq l-ammont ta' kapital dovut sat-2 ta' Mejju 2004 u inoltre biex ukoll thallas lill-bank attur l-imgħax relattiv mit-3 ta' Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv dovuti lill-istess bank attur kif jingħad hawn taħt:

(a) erbat elef, seba' mija u tliet liri u tlettax-il ċenteżmu (Lm4,703.13) komposti in kwantu għal erbat elef u tmienja u sittin lira u sitta u tletin ċenteżmu (Lm4,068.36) bħala somma kapitali u in kwantu għal elf u tletin lira u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm1,030.95) l-imgħax relattiv mill-20 ta' Marzu 2002 sat-2 ta' Mejju 2004 dovuti bħala bilanċ ta' self mogħti lill-istess kumpannija konvenuta Christopher Cachia & Associates Limited (loan account numru 027-047208-300) oltre l-imgħax relattiv mit-3 ta' Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv;

(b) sebat elef, mija u tmien liri u tnax-il ċenteżmu (Lm7,108.12) komposti in kwantu għal sitt elef u sebgħa u sebgħin lira u sbatax-il ċenteżmu (Lm6,077.17) bħala somma kapitali u in kwantu għal elf u tletin lira u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm1,030.95) l-imgħax relattiv mill-20 ta' Marzu 2002 sat-2 ta' Mejju 2004 dovuti bħala bilanċ ta' self mogħti lill-istess kumpannija konvenuta Christopher Cachia & Associates Limited (loan account numru 027-047208-301) oltre l-imgħax relattiv mit-3 ta' Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv;

(ċ) erbgħa u għoxrin elf, tliet mija u wieħed u ħamsin lira u tlieta u għoxrin ċenteżmu (Lm24,351.23) komposti in kwantu għal tnejn u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u tmenin lira u disgħin ċenteżmu (Lm22,383.90) bħala somma kapitali u in kwantu għal elf, disa' mija u seba' u sittin lira u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm1,967.33) l-imgħax relattiv mit-28 ta' Marzu 2003 sat-2 ta' Mejju 2004 dovuti bħala bilanċ ta' faċilitajiet ta' overdraft mogħtija lill-istess kumpannija konvenuta Christopher Cachia & Associates Limited (overdraft account numru 027-047208-341 già 027-047208-004) oltre l-imgħax relattiv mit-3 ta' Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv;

(d) sebat elef, tliet mija u disa' u tmenin lira u disgħa u tletin ċenteżmu (Lm7,389.39) komposti in kwantu għal sitt elef, seba' mija u tnejn u disgħin lira u erbgħin ċenteżmu (Lm6,792.40) bħala somma kapitali u in kwantu għal ħames mija u sitta u disgħin lira u disa' u disgħin ċenteżmu (Lm596.99) l-imgħax relattiv mit-28 ta' Marzu 2003 sat-2 ta' Mejju 2004 dovuti bħala bilanċ ta' faċilitajiet ta' overdraft mogħtija lill-istess kumpannija konvenuta Christopher Cachia & Associates Limited (overdraft account numru 027-047208-340 già 027-047208-002) oltre l-imgħax relattiv mit-3 ta' Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv;

2. condemn the defendant company Christopher Cachia & Associates Limited (which company was named Jirieh Ltd), as principal debtor, to pay the plaintiff bank the global sum of forty three thousand, five hundred and fifty one liri and eighty seven cents (Lm43,551.87) which sum includes interest on the amount of capital due till the 2nd May 2004 and furthermore to pay the plaintiff bank the relative interest from the 3rd May 2004 till the date of effective payment due to the same plaintiff bank as stated hereunder:

(a) four thousand, seven hundred and three liri and thirteen cents (Lm4,703.13) consisting of four thousand and sixty eight liri and thirty six cents (Lm4,068.36) as a capital sum and as for one thousand and thirty liri and ninety five cents (Lm1,030.95) the relative interest from the 20th March 2002 till the 2nd May 2004 due as balance of loan given to the same defendant company Christopher Cachia & Associates Limited (loan account number 027-047208-300) besides the relative interest from the 3rd May 2004 till the date of effective payment;

(b) seven thousand, one hundred and eight liri and twelve cents (Lm7,108.12) consisting of six thousand and seventy seven liri and seventeen cents (Lm6,077.17) as capital and as for one thousand and thirty liri and ninety five cents (Lm1,030.95) the relative interest from the 20th March 2002 till the 2nd May 2004 due as balance of loan given to the same defendant company Christopher Cachia & Associates Limited (loan account number 027-047208-301) besides the relative interest from the 3rd May 2004 till the date of effective payment.

(c) twenty four thousand, three hundred and fifty one liri and twenty three cents (Lm24,351.23) consisting as for twenty two thousand, three hundred and eighty three liri and ninety cents (Lm22,383.90) as capital and as for one thousand nine hundred and sixty seven liri and thirty cents (Lm1,967.33) the relative interest from the 28th March 2003 till the 2nd of May 2004 due as balance of overdraft facilities to the same defendant company Christopher Cachia & Associates Limited (overdraft account number 027-047208-341 previously 027-047208-004) besides the relative interest from the 3rd May 2004 till the date of effective payment;

(d)seven thousand, three hundred and eighty nine liri and thirty cents (Lm7389.39) consisting as for six thousand seven hundred and ninety two liri and forty cents (Lm6,792.40) as capital and as for five hundred and ninety six liri and ninety nine cents (Lm596.99) the relative interest from the 28th March 2003 till the 2nd May 2004 due as balance of overdraft facilities given to the same defendant company Christopher Cachia & Associates Limited (overdraft account number 027-047208-340) previously 027-047208-002) besides the relative interest from the 3rd May 2004, till the date of effective payment;

3. tikkundanna l-kumpannija konvenuta D Limited (liema kumpannija kien jisimha Distinct Group Limited u qabel Distinct Conversions Limited u qabel Village Home People Company Limited) u lill-konvenuti Christopher Cachia u martu Doreen Cachia, bħala garanti solidali, biex iħallsu lill-istess bank attur, solidalment bejniethom u mal-kumpannija konvenuta debitriċi prinċipali Christopher Cachia & Associates Limited, mis-somma fuq imsemmija, l-ammont ta' tnejn u erbgħin elf, disa' mija u sebgħa u sebgħin lira u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Lm42,977.51) liema ammont huwa kompost mis-somom kapitali kollha dovuti mill-kumpannija konvenut Christopher Cachia & Associates Limited u l-imgħax fuq l-imsemmija somom mis-26 ta' Diċembru 2002 sat-2 ta' Mejju 2004 u inoltre biex ukoll iħallsu lill-bank attur l-imgħax relattiv mit-3 ta' Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv dovuti kif fuq intqal;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tat-tliet (3) ittri uffiċjali datati 26 ta' Ġunju 2003, kontra l-konvenuti solidalment bejniethom li huma, jew fil-każ tal-kumpanniji konvenuti r-rappreżentanti tagħhom, minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Konvenuti: 2. Christopher Cachia & Associates Ltd
25, Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, Malta.

3. D. Limited
25, Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, Malta.

4. Christopher Cachia
25, Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, Malta.

5. Doreen Cachia
25, Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, Malta.

B'Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri it-Tlieta, 28 ta' Settembru 2004, il-kawża Ċitazzjoni numru 720/2004 TM, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. C 3177 vs Cachia Christopher & Associates Limited et tinsab appuntata għas-smigħ għall-5 ta' Novembru 2004, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Ottubru 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. condemn the defendant company D Limited (which company was named Distinct Group Limited and previously Distinct Conversions Limited and previously Village Home People Company Limited) and the defendants Christopher Cachia and his wife Doreen Cachia, as surety in solidum, to pay the same plaintiff bank, in solidum between them and with the defendant company principal debtor Christopher Cachia & Associates Limited, from the sum above mentioned, the amount of forty two thousand, nine hundred and seventy seven liri and fifty one cents (Lm42,977.51) which amount consists of the capital sums all due by the defendant company Christopher Cachia & Associates Limited and the interest on the said sums from the 26th December 2002 till the 2nd May 2004 and furthermore also to pay to the plaintiff bank the relative interest from the 3rd May 2004 till the date of effective payment due as above stated;

With costs, including those of the three (3) judicial letters dated 26th June 2003, against the defendants in solidum between them who are, or in case of the defendant companies, their representatives, from now summoned so that a reference to their oath be made.

Defendants: 2. Christopher Cachia & Associates Ltd
25, Mdina Road, Żebbuġ, Malta.

3. D. Limited
25, Mdina Road, Żebbuġ, Malta.

4. Christopher Cachia
25, Mdina Road, Żebbuġ, Malta.

5. Doreen Cachia
25, Mdina Road, Żebbuġ, Malta.

By a Notice of hearing of a cause issued by the Superior Court Registry on Tuesday 28th September 2004, the cause Writ of Summons number 720/2004 TM, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. C 3177 vs Cachia Christopher & Associates Limited et has been appointed for hearing to the 5th November 2004, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 15th October 2004.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*